



Brussell, 24 ta' April 2024  
(OR. en)

9129/1/24  
REV 1

LIMITE

FISC 82  
ECOFIN 484  
ONU 55

## NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha valida għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Komitat Ad Hoc biex jiġu abbozzati t-termini ta' referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil qasam tat-Taxxa (New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024)

**Pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha valida għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Komitat Ad Hoc biex jiġu abbozzati t-termini ta' referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil qasam tat-Taxxa**

**(New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024)**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jibqgħu promotur b'saħħtu tal-ordni internazzjonali effettiva u bbażata fuq ir-regoli skont il-Karta tan-NU u jistinkaw għal sistema multilaterali riformata li tiffunzjona tajjeb, b'Nazzjonijiet Uniti effettiva u ffinanzjata b'mod sostenibbli fil-qalba tagħha<sup>1</sup>. Nixtiequ ntenu l-impenn sinċier tagħna għall-objettivi ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa li tkun inklużiva, effettiva u ġusta.

<sup>1</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul it-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2023 – Settembru 2024, ST 11688/23.

Billi tisfrutta s-sħubijiet u l-punti b'saħħithom wiesgħa tagħha, il-Konvenzjoni Qafas proposta tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tat-Taxxa għandu jkollha l-għan li tippromwovi d-djalogu globali u toħloq sinerġiji ta' politika. B'rikonoxximent tas-sejħa għal kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa li tkun aktar inklużiva u effettiva, id-djalogu internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Konvenzjoni futura għandu jkollu l-għan li jiġbor flimkien lill-pajjiżi biex jiskambjaw prattiki effettivi dwar il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi kemm permezz tal-formulazzjoni tal-politika tat-taxxa kif ukoll permezz tat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' infurzar. Dan l-isforz jissottolinja r-rwol ċentrali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-appoġġ li tagħti lill-Istati Membri tan-NU biex jimmobilizzaw ir-riżorsi domestiċi u jiffinanzjaw strateġiji ta' żvilupp, filwaqt li jallinjaw mill-qrib mal-aspirazzjonijiet deskritti fir-riżoluzzjoni 78/230 tal-Assemblea Ġenerali.

Il-konsistenza mal-ħidma li għaddejja u l-kunsens miksub f'fora internazzjonali oħra għandhom ikunu prinċipju gwida għal kwalunkwe kooperazzjoni internazzjonali relatata mat-taxxa li ssir fin-Nazzjonijiet Uniti, bl-għan li jiġu żviluppati dawn il-punti b'saħħithom u jkun hemm involviment f'kooperazzjoni effettiva biex jiġi żgurat approċċ olistiku għall-isfidi globali tat-taxxa. Sabiex tkun effettiva u effiċjenti, il-Konvenzjoni għandha tkun suppliment siewi għall-ambjent tat-taxxa internazzjonali filwaqt li tevita linji ta' ħidma inkonsistenti u li jikkompetu ma' xulxin. Id-diskussjonijiet u l-protokolli bikrija potenzjali għandhom jiffukaw fuq is-suġġetti l-inqas kontroversjali.

Fl-ewwel istanza, il-ħidma għandha tkun sostnuta minn analiżi teknika sostantiva. Dan ser jiżgura li kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed bħala parti minn dan il-proċess tkun ibbażata fuq evidenza prattika, li żżid il-probabbiltà li niksbu l-eżiti mixtieqa tagħna.

Biex nippromwovu l-inklużività u l-effettività, qed nippromwovu proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq il-kunsens.

Id-djalogu internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti għandu jiżgura wkoll li Konvenzjoni futura tkun allinjata mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u tgħin biex dawn jintlaħqu, filwaqt li tippromwovi approċċ ekwu u sostenibbli għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa. Għalhekk, il-ħidma għandha tibda b'analiżi bir-reqqa tal-kwistjonijiet li jistgħu jsaħħu l-inklużività u l-effettività tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u li jistgħu jappoġġaw l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi.